Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2597

tal-4 ta' Ottubru 2024

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-aċidu sorbiku (E 200) u tas-sorbat tal-potassju (E 202) u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-aċidu sorbiku (E 200), għas-sorbat tal-potassju (E 202) u għall-gallat tal-propil (E 310)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 2597, 7.10.2024, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 90748, 8.9.2026, p. 1 (2024/2597)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2597

tal-4 ta' Ottubru 2024

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-aċidu sorbiku (E 200) u tas-sorbat tal-potassju (E 202) u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-aċidu sorbiku (E 200), għas-sorbat tal-potassju (E 202) u għall-gallat tal-propil (E 310)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-addittivi tal-ikel aċidu sorbiku (E 200), sorbat tal-potassju (E 202) u gallat tal-propil (E 310) li tqiegħdu fis-suq legalment qabel is-27 ta' April 2025 jistgħu jiżdiedu mal-ikel f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

▼C1

L-ikel, li fih l-aċidu sorbiku (E 200), is-sorbat tal-potassju (E 202) jew il-gallat tal-propil (E 310), liema addittivi jkunu tqiegħdu fis-suq legalment qabel is-27 ta' April 2025, jista' jitqiegħed fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża.

▼B

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (1)(b), (2)(b) u (3) tal-Anness II għandhom japplikaw mis-27 ta' April 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, fil-kategorija tal-ikel 16 “Dežerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4”, l-entrata għall-użu tal-aċidu sorbiku — sorbat tal-potassju (E 200-202) fi *frugtgrød, rote Grütze and pasha* f’1 000 mg/kg hija sostitwita b’dan li ġej:

	“E 200-202	Aċidu sorbiku — sorbat tal-potassju	1 000	(1) (2)	*frugtgrød, rote Grütze* u *pasha* biss; dežerti tal-ġelatina b’baži tal-ilma bit-togħma tal-frott”

▼B

ANNESS II

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata għal “E 200 aċidu sorbiku hija emendata kif ġej:

(a) l-ispeċifikazzjoni “Deskrizzjoni” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Deskrizzjoni	Labar bla kulur jew trab abjad li jiċċirkola b’mod ħieles, li jkollu daqsxejn riħa karatteristika u li ma juri ebda bidla fil-kulur wara tisħin għal 90 minuta f’temperatura ta’ 105 °C”;

(b) l-ispeċifikazzjoni “Purità” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Purità

Kontenut tal-ilma	Mhux iktar minn 0,5 % (Metodu Karl Fischer)
Irmied sulfatat	Mhux aktar minn 0,2 %
Aldeidi	Mhux aktar minn 0,1 % (bħala formaldeid)
Arseniku	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,01 mg/kg
Żingu	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg”;

(2) l-entrata għal “E 202 sorbat tal-potassju” hija emendata kif ġej:

(a) l-ispeċifikazzjoni “Deskrizzjoni” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Deskrizzjoni	Trab kristallin abjad li ma juri ebda bidla fil-kulur wara tisħin għal 90 minuta f’temperatura ta’ 105 °C”;

(b) l-ispeċifikazzjoni “Purità” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Purità

Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 1,0 % (105 °C, 3 sigħat)
Aċidità jew alkalinità	Mhux iktar minn 1,0 % (bħala aċidu sorbiku jew K_2CO_3)
Aldeidi	Mhux iktar minn 0,1 %, ikkalkulat bħala formaldeid
Arseniku	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,01 mg/kg
Żingu	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg”;

▼B

(3) l-entrata għal “E 310 gallat tal-propil” hija emendata kif ġej:

(a) l-ispeċifikazzjoni “Definizzjoni” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Definizzjoni	Il-gallat tal-propil huwa prodott bl-esterifikazzjoni tal-aċidu galliku mal-propanol. Ir-reazzjoni hija katalizzata bl-aċidu sulfuriku.
Einecs	204-498-2
Isem kimiku	Gallat tal-propil; Ester propiliku tal-aċidu galliku; ester n-propiliku tal-aċidu 3,4,5-triidrossibenżoiku
Formula Kimika	$C_{10}H_{12}O_5$
Piż molekulari	212,20
Assaġġ	Kontenut mhux inqas minn 98 % tal-bażi anidruża”;

(b) l-ispeċifikazzjoni “Purità” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 0,5 % (110 °C, 4 sigħat)
Irmied sulfatat	Mhux aktar minn 0,1 %
Aċidu ħieles	Mhux aktar minn 0,5 % (bħala aċidu galliku)
Assorbiment speċifiku fl-etanol	$E^{1\%}_{1cm}$ (275 nm) mhux inqas minn 485 u mhux iktar minn 520
Arseniku	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 0,3 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg”;.